# Jum Dinji tar-Refuġjati



Fost il-Jiem Internazzjoni li jiġu ċċelebrati kull sena min-Nazzjonijiet Uniti hemm il-Jum Dinji tar-Refuġjati li, bħal fil-każ ta' Jiem oħra, għandu l-għan li jitfa' dawl u attenzjoni fuq il-problema tar-refuġjati u l-immigrati fid-dinja kollha, inkluż fl-Ewropa u f'pajjiżna. Għal din is-sena, l-attenzjoni fid-diskussjonijiet dwar ir-refuġjati hi marbuta mas-suġġett tal-Protezzjoni Internazzjonali tar-Refuġjati.

Aħna spiss naraw u nsimgħu b'din it-traġedja umana li tmiss lil pajjiżna u lil pajjiżi ġirien tagħna fil-Mediterran. Warajha m'hemmx biss problema li tmiss il-pajjiżi li fihom ifittxu kenn dawn il-persuni, imma fuq kollox lill-istess persuni li jġorru f'ġisimhom dak li jonqos mill-passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu, biex nużaw frażi li nsibu fl-ittri ta' San Pawl. Aħna naraw biss parti ċkejkna mit-tbatija ta' dawn l-immigrati  il-passaġġ fil-baħar, imma t-tbatija tagħhom ġejja mill-bogħod u spiss tkompli meta ma jsibux akkoljenza, għajnuna li tixraq lid-dinjita' tagħhom, protezzjoni u possibilta' ta' futur aħjar.

Flimkien ma' l-azzjoni ta' kontroll tal-baħar biex jinqabdu u jiġu pproċessati dawk li jittraffikaw fil-persuni, ħidma ta' deterrenza kontra influssi mhux kontrollati, u ta' assistenza f'każ ta' periklu ta' nawfraġju, l-Għaqdiet internazzjonali li jaħdmu favur dawn il-persuni jitolbu li jkun hemm daqshekk ieħor attenzjoni u kura lill-vittmi, lil dawk li jfittxu l-kenn minn persekuzzjonijiet f'pajjiżhom, u lill-immigranti kollha li jaqgħu vittma ta' vjolenza jew trawma meta jaqsmu l-fruntieri minn pajjiż għal ieħor. Diversi mistoqsijiet jiġu spontanji: x'jiġri minn dawk li jirnexxielu jaħarbu minn pajjiżhom minħabba persekuzzjoni, miżerja, gwerer u jmorru f'art oħra? X'akkoljenza u għajnuna jingħataw? F'liema kundizzjonijiet jinżammu fiż-żmien li jgħaddu jistennew sakemm tiġi pproċessata t-talba tagħhom? Għad li m'hemmx tweġibiet faċli, bħala nsara din il-problema ġġagħalna naħsbu u nfittxu soluzzjonijiet li jirrispettaw il-liġijiet nazzjonali u internazzjonali, id-dinjita' tal-persuna umana u l-Vanġelu.

F'pajjiżna f'dan il-qasam qed jaħdmu ħafna il-Ġiżwiti Maltin (http://www.jrsmalta.org). Wieħed jista' jgħin b'diversi modi, inklużi donazzjonijiet ta' flus lill-*Jesuit Refugee Service*.

***Dun Giovanni Curmi***

## Jistgħu jinteressawk

*Illum hu JUM IL-MISSIER. Ngħidu grazzi minn qalbna lill-missirijiet ħajjin u nitolbu għall-missirijiet li huma mejtin.*
*Ġimgħa 20: Jum dinji tar-Refuġjati*

*gozopress • 21551534*

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu', agħtina vokazzjonijiet saċerdotali fuq l-eżempju tiegħek ta' Ragħaj it-Tajjeb, biex imexxuna fit-triq tal-qdusija.*





Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

IL-Hdax-il Hadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2047) • 15 ta' Ġunju 2008

**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew (Mt. 9, 36. -10,8)**

F'dak iż-żmien Ġesu', x'ħin ra l-folol, ġietu ħasra minnhom, u għax kienu qishom nagħag li ma għandhomx ragħaj. Mbagħad qal  lid-dixxipli tiegħu: "Il-ħsad kbir tassew, imma l-ħaddiema ftit! Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu."



Il-ħsad kbir tassew

Sejjaħ lejh it-tnax-il dixxiplu tiegħu, u tahom is-setgħa fuq l-ispirti mniġġsa biex ikeċċuhom u biex ifejjqu kull xorta ta' mard u nuqqas ta' saħħa. L-ismijiet tat-tnax-il appostlu huma dawn: l-ewwel Xmun, li jgħidulu Pietru, u ħuh Indri, Ġakbu ta' ]ebedew, u ħuh Ġwanni, Filippu u Bartilmew, Tumas u Mattew il-publikan, Ġakbu ta' Alfew, u Taddew, Xmun il-Qanani, u Ġuda l-Iskarjota, li mbagħad bieg]u.

Lil dawn it-tnax Ġesù bagħathom b'dawn l-ordnijiet: "Taqbdux triq il-pagani, u tidħlux f'belt tas-Samaritani; imma aktar morru fittxu n-nagħaġ li ntilfu mid-dar ta' I\rael. Intom u sejrin, xandru li s-Saltna tas-Smewwiet hija fil-qrib. Fejjqu  l-morda, qajjmu l-mejtin, fejjqu l-im[iddmin, keċċu x-xjaten. B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu.

**RIFLESSJONI**

- Ġesu' sejjaħ lilu nnifsu Ragħaj li jiġbor l-merħla u jieħu ħsiebha.
- Ġesu' jitħassar l-poplu li m'għandux ragħaj : bla gwida, bla direzzjoni, bla ma' jaf fejn sejjer.
- Huwa stess jurina l-ħtieġa ta' iktar ħaddiema fil-għalqa tal-Mulej u jħeġġiġna biex nitolbu għal dan il-għan.
- Int trodd ħajr lil Alla talli tak mexxejja spiritwali qrib tiegħek ?
- Titlob għalihom biex ikunu qaddisin u fidili fil-ministeru  tagħhom ?
- Tikkollabora fil-ħidma tagħhom li huma jagħmlu għall-ġid spiritwali tal-komunita' nisranija ?